# L-istatwa ta' Malta Rebbieħa u l-pedestall tagħha

**Miġbur minn Jeremy Debono**



*L-istatwa ta' Malta Rebbieħa u l-pedestall tagħha armati għall-festa ta' San Ġużepp fil-bidu tas-seklu 20. Ritratt tar-Rettur Anthony Casha.*

Għall-festa ta' din is-sena ser jiġi inawgurat ir-restawr li sar fuq il-pedestall maestuż tal-istatwa ta' Malta Rebbieħa u l-istatwa innifisha. Biex napprezzaw aktar dawn iż-żewġ opri artistiċi tlabt żewġ storiċi tal-arti biex jevalwaw u jikkritikaw huma dawn iż-żewġ xogħlijiet kif ukoll iqiegħeduhom fil-kuntest taż-żmien li fih inħadmu, u min minn inħadmu, biex ikunu apprezzati fit-totalità tagħhom.

### L-istatwa ta' Malta Rebbieħa minn Victor Caruana B. A. (Hons.), M. A. Storja tal-Arti

L-istatwa allegorika[1] ta' *Malta* li nsibu armata għall-festa ta' San Ġużepp fir-Rabat tal-Imdina għandha l-karatteristiċi kollha li wieħed isib fir-rappreżentazzjonijiet u l-istil tal-istatwarju Vincenzo Maria Cremona li sawwarha fl-1899.[2] Fiha naraw il-figura ta' mara gwerriera liebsa korazza pettorali fuq libsa bajdanija li toħroġ minn taħt din l-armatura u tasal sa nofs il-qasba ta' sieqha filwaqt li l-kmiem jgħattu parti minn idejha. Fuq rasha għandha elmu bi tliet pjumi – tnejn ħomor u waħda bajda fin-nofs – li jfakkru fil-kuluri tal-bandiera Maltija. Dawn l-istess kuluri narawhom jiddominaw l-ilbies tal-personaġġ, tant li jikkumplimenta l-bjuda tal-libsa naraw mant ħamrani li jaqa' minn wara dahar il-personaġġ allegoriku u jibqa' nieżel sa taħt saqajn il-mara gwerriera għal fuq il-kollezzjoni ta' armi militari magħmula minn tarek, elmijiet, lanez u mazez li *Malta* tinsab wieqfa fuqhom. Dirajgħuha l-leminija hija mgħollija 'l fuq peress li Cremona għamilha qed tgħolli lasta bil-bandiera Maltija mwaħħla magħha. Id-driegħ tax-xellug, min-naħa l-oħra, hija aktar baxxa iżda ħierġa 'l barra minħabba li magħha għandha mwaħħla tarka ta'għamla ottagonali kif ukoll weraq tar-rand f'idha[3].

Il-poża li ġiet murija fiha din l-allegorija hija kważi kopja tal-figuri ta' *Malta* li Cremona ħadem għall-festi ta' *Santa Liena* f'Birkirkara u l-*Bambina* fin-Naxxar (1896).[4] Għaldaqstant, f'din il-verżjoni tar-Rabat – għalkemm aktar wieqfa minn dawn imsemmija – naraw figura pjuttost movimentata fejn l-id mgħollija tiġi bbilanċjata bl-id li magħha hemm it-tarka peress li filwaqt li l-id il-leminija qed tenfasizza l-vertikalità tal-figura, l-id ix-xellugija qed toħroġ 'l barra lejn l-ispettatur b'mod orizzontali u frontali. Il-piż tal-mara gwerriera qed iserraħ fuq sieqha l-leminija mentri l-oħra tinsab mitfuha xi ftit lura u toħloq linja djagonali li tkompli tagħti ħjiel ta' moviment fil-kompożizzjoni. L-estravaganza li Cremona kien ifittex narawha wkoll fix-xagħar twil tal-figura li jinżel minn fuq spallitha tax-xellug u jistrieħ fuq il-korazza. Flimkien max-xabla mdendla ma' qaddha, il-mod kif l-istatwarju poġġa ix-xagħar skur fuq l-armatura joħloq linja vertikali u parallela ma' dik magħmula mill-id il-leminija u l-lasta tal-bandiera. Il-panneġġi tal-ilbies huwa tipiku tal-artist, fejn wieħed ma jistax jgħid li




*Riklam ta' Cremona fuq il-Guida Generale.*




*Il-pjanċa b' isem Cremona li kienet imwaħħla mal-pedata ta' wieħed mill-Anġlu u nstabet meta ġie restawrata minn Michael Agius fl-2013. Din illum tinsab fis-Sagristija tas-Santwarju iżda saru tliet kopji tagħha biex jerġgħu jitwaħħlu mal-istatwi.*

huwa mmudellat b'mod naturali u pulit iżda huwa mqiegħed b'mod pjuttost spontanju li madanakollu xorta jikkumplimenta s-sens ta' drama fil-figura. Wieħed ma jistax ma jirrimarkax ukoll kif Cremona – minkejja n-nuqqas ta' attenzjoni sabiex joħloq panneġġi u pjiegi realistiċi – qagħad attent sabiex juri l-anatomija tas-saqajn taħt il-libsa bajdanija.

M'hemm l-ebda dubju li x-xogħol statwarju ta' Cremona ġie influwenzat mhux ftit mix-xogħol l-ieħor li kellu bħala xenografu tat-Teatru Rjal. F'dan il-qasam, xogħlu kien li joħloq ix-xeni li kienu jservu bħala sfond għall-opri u xogħol teatrali ieħor li kien jittella fit-teatru. Probabbilment, huwa kien jaħdem ukoll xi strutturi oħra li kien ikun hemm bżonn f'xi xeni partikolari, bħal ngħidu aħna siġar, blat, biċċiet ta' arkitettura falza, eċċ. Il-familjarità tiegħu



*L-istatwa ta' Malta rebbieħa merfugħa fuq l-ispalla fl-okkażjoni tal-Festa tar-Rebħa fuq l-Assi fi tmiem it-Tieni Gwerra Dinija. Innota l-pupazz imwaħħal mal-id ix-xelluġija.*

mat-teatru wasslitu sabiex fir-rappreżentazzjonijiet tiegħu fl-istatwi tal-kartapesta li kien jaħdem b'mod partikolari għall-armar ta' barra, huwa kien joħloq bħal xeni statiċi fejn kull figura tkun qisha attur jew attriċi f'xi opra kemm fil-ġesti tagħha u anke fil-pożizzjoni tagħha fil-kompożizzjoni. Eżempju ċar ta' dan narawh fix-xbihat tal-*Qtugħ ir-Ras ta' Santa Katarina* fil-festa ta' din il-qaddisa fiż-Żejtun (1895) u *Santa Katarina u l-Miraklu tar-Rota* li tintrama' għall-festa titulari taż-Żurrieq (1899). Apparti dan, huwa kien anke kreattiv fl-ilbies li kien juża fil-figuri tiegħu – ilbies li x'aktarx kien jiġi ispirat mill-kostumi li Cremona kien jara fit-teatru. Minħabba f'hekk, qfieli doppji mal-qadd u qsim fil-kmiem ta' xi lbiesi, fost affarijiet oħra, huma pjuttost komuni fl-istatwi ta' dan l-artist. Huwa kien iħobb ukoll jinkludi xi oġġetti li jakkumpanjaw kompożizzjoni b'personaġġ waħdieni, fejn imbagħad kien ikollu juża l-blat sabiex ikabbar l-ispazju ta' fejn ikunu ser iserrħu dawn il-figuri. Riżultat t'hekk, il-blat kien joħroġ 'l barra aktar mill-pedata tal-vara u kważi kważi anke mill-parti ta' fuq tal-pedestall. L-istatwa ta' *Santa Katarina* li tintrama f'Misraħ ir-Repubblika fiż-Żurrieq u *Malta* li tintrama' fil-festa ta' Santa Liena f'Birkirkara huwa tnejn fost dawn it-tip ta' rappreżentazzjonijiet. Każ uniku marbut mal-fantasija u s-sens narrativ fix-xbihat ta' Cremona kien preżenti fil-festa ta' Marija Annunzjata f'Ħal Balzan, fejn għall-istatwa ta' Ġuditta l-istatwarju Slimiż ħareġ bl-idea ta' pedestall li kellu d-dehra ta' struttura tal-ġebel qisu xi torri, bil-ġisem bla ras tal-ġeneral Oloferne mperreċ fit-tarf tiegħu.

Fl-isfond ta' dan kollu, nistgħu issa nħarsu lejn *Malta* li tintrama' fil-festa ta' San Ġużepp fir-Rabat bħala frott l-istil eżuberanti ta' Cremona. L-idea li



*Iż-żewġ Anġli li nħadmu ma' Malta fl-1899.*

fil-festi tiġi ntrodotta l-figura allegorika ta' Malta x'aktarx oriġinat mill-Isla fejn il-festa ta' Marija Bambina għandha konnessjonijiet kbar mar-Rebħ tal-Assedju l-Kbir tal-1565. Għaldaqstant, kien aktar minn xieraq li f'din il-festa partikolari tintrama' rappreżentazzjoni ta' Malta bħala r-rebbieħa fuq l-għadu Ottoman – rebħa li ddefendiet ir-reliġjon Kattolika f'Malta u anke fil-Mediterran u l-Ewropa. Din ix-xbieha kienet inħadmet minn Carlo Darmanin u statwi simili, kif ukoll kopji, tagħha baqgħu jiġu kkummissjonati u armati fil-festi tagħna anke sal-ġurnata tal-lum. Interpretazzjoni ta' *Malta Rebbieħa* kienet diġa teżisti fil-pajjiż. Din kienet il-pittura ta' Mattia Preti li għadna naraw fl-apside ta' fuq il-bieb maġġur tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Wieħed faċli jinduna li l-ikonografija fl-istatwa ta' Darmanin issegwi dik Pretiana, kif jidher fl-ilbies tal-figura, l-użu tal-bandiera f'id ix-xellugija (għalkemm din tbiddlet minn waħda tar-Reliġjon għal dik Maltija) u anke l-użu tax-xabla fl-id il-leminija. Nistgħu ngħidu li Carlo Darmanin interpreta ix-xbieha ta' Preti fl-istil Purista li kien invoga matul is-seklu dsatax. Cremona, iżda, reġa' interpreta' dan is-suġġett fl-istil pseudo-Barokk li tant kien rinomat għalih.

Innovazzjoni li ħarġet minn idejn dan l-istatwarju u li hija karatteristika tal-allegoriji ta' *Malta* li ħadem hija li hu kien jinkludi fil-kompożizzjoni xi simboli relatati mal-qaddis patrun tal-post. Għalih ma kienx biżżejjed li juri lil Malta rebbieħa f'poża dinjituża u bl-attributi soliti tagħha tal-bandiera, x-xabla, korazza u elmu bil-pjumi kif kien jinterpretaha Carlo Darmanin. Il-*Malta* ta' Cremona hija waħda trijonfanti, bl-id mgħollija 'l fuq u s-saqajn ftit imbegħdin minn xulxin sabiex tibbilanċja ġisimha fuqhom. Din Malta glorjuża fit-trijonf tar-rebħa tagħha tagħti qima lir-reliġjon Nisranija li hi tħaddan u hekk kif murija fil-kwalitajiet insara tal-qaddis/a li jkun qed jiġi ċċelebrat fil-festa tiegħu/tagħha. Huwa għalhekk li għal Birkirkara, Cremona wera lil Malta teżalta s-Salib Imqaddes: muri bħalikieku qisu maħdum minn żewġ zkuk kbar u bil-kuruna, xettru u l-mant irjali – is-simboli ta' Santa Liena – fuq roqgħa blat taħtu. Huwa għalhekk li għan-Naxxar, juri lil Malta tqim lil Marija Bambina, wieqfa fuq globu u roqgħa sħab u bi glorja ta' raġġi warajha.[5] Dan il-mod ta' kif Cremona interpreta lil Malta Nisranija u Rebbieħa mhux biss joffri interpretazzjoni oriġinali ta' din it-tema iżda ppermettielu wkoll li juża kompożizzjonijiet kbar u għalhekk seta' jkun aktar narrativ, drammatiku u movimentat.

Il-*Malta* tar-Rabat hija wkoll waħda glorjuża u trijonfanti. Dan jurih permezz ta' ġest li fl-ebda xbieha oħra tal-istess suġġett ma uża – dik li l-figura qed tgħolli l-bandiera Maltija 'l fuq. Dan huwa l-aktar ġest bażiku iżda effettiv ta' kif wieħed juri sens ta' kburija u saħħa. Is-sinjifikat ta' dan joħroġ aktar imbagħad mill-fatt li Malta, b'xi mod forsi mhux daqstant naturali, qegħda wieqfa fuq it-tarek, lanez u elmijiet li hemm taħtha, li jfisser li hi għelbet il-gwerra u lil għadu tagħha u b'hekk għolliet isimha 'l fuq – l-istess kif qed tgħolli l-bandiera li tirrappreżentaha.

Interessanti nsemmu li din hija l-unika verżjoni ta' *Malta*, flimkien ma' dik tax-Xagħra Għawdex, fejn l-istatwarju m'użax is-simbolu tal-qaddis patrun fil-kompożizzjoni tiegħu. Ir-raġunijiet għal dan jistgħu jkunu diversi, iżda l-aktar waħda plawsibbli hija dik li torbot magħha ż-żewġ anġli li Cremona ħadem flimkien ma' din l-istatwa fl-1899 u li għadhom jintramaw viċin tagħha sal-lum. Forsi fuq xewqa tal-kummissjonanti jew inkella fuq idea ta' Cremona nnifsu, għandna statwa ta' *Malta* li għandha konnessjoni qawwija mar-rebħ tal-Assedju l-Kbir hekk kif indikat mill-armi militari li hemm taħtha. Ir-rabta mal-qaddis patrun jista' jkun li ġiet eliminata minħabba li s-simboli li huwa seta' uża fil-kompożizzjoni ta' *Malta Rebbieħa* inkludihom fiż-żewġ anġli li ħadem magħha.

Dawn iż-żewġ figuri, minkejja l-kompożizzjoni sempliċi li statwi simili tagħhom dejjem ikollhom, ukoll jixhdu l-istil partikolari ta' Cremona. Wieħed jista' jgħid li anke fi statwi bħal mhuma l-anġli dan l-istatwarju ried ikun differenti minn dak li kien isir fi żmienu mill-artisti l-oħra, b'mod speċjali Carlo Darmanin. Dan għax filwaqt li Darmanin kien jagħmel ħlejjaq ħelwin bi ftit li xejn ġesti tal-idejn, Cremona joħloq moviment minkejja l-limitazzjoni li joffrilu dan is-suġġett partikolari li ma tantx tista tinkludi wisq narrattiva fih. Għaldaqstant, huwa seta' nkluda s-simboli marbutin ma' San Ġużepp sabiex jeżalta u jenfasizza aktar il-ġesti ta' dawn l-anġli. Fil-fatt, anġlu minnhom qed iżomm il-ġilju tas-safa f'id mgħollija 'l fuq u fl-oħra qed iżomm xettru sabiex juri lil dan il-qaddis bħala Patrun tal-Knisja Universali u l-ieħor f'id waħda – li hija wkoll mgħollija 'l fuq – qed iżomm bukkett fjuri li huwa simili għal dak li għandu f'idejh *San Ġużepp ix-Xiħ* li huwa meqjum fis-Santwarju tiegħu fir-Rabat u fl-oħra qed iżomm stellarju sabiex jindika lil San Ġużepp bħala l-għarus kastissimu ta' Marija. Dan l-anġlu li semmejna l-aħħar huwa l-aktar wieħed movimentat fejn għandu sieqnhững x-xellugija li hija mgħollija u maqtugħa minn mas-sħab li hemm taħtu qisu ser jagħti s-salt biex itir. Din il-qagħda tas-sieq tikkumplimenta l-id mgħollija li qed iżżomm il-bukkett tal-fjuri. L-anġlu l-ieħor huwa aktar ristrett fil-moviment tiegħu għalkemm l-idejn mgħollijin



*Dettalji tal-Istatwa*

jidhru wkoll anke f'din l-istatwa. Ta' min jirrimarka però fuq it-tipoloġika u l-istil tax-xagħar li Cremona uża għal dan l-anġlu, fejn it-troffa mgħollija fuq il-moħħ tal-figura u x-xagħar pjuttost goff u twil li jinżel wara għonqu huma karatteristika tipika ta' Carlo Darmanin. Naraw allura waħda mill-ftit mumenti fejn Cremona jersaq lejn it-tipoloġija tal-artist Senglean. Fiż-żewġ anġli, il-panneġġi fl-ilbies tal-figuri huwa tipiku ta' Cremona, jiġifieri ma jidhirx li kien hemm sforz sabiex dawn jiġu murija b'xi mod aktar naturali iżda bħal donnu ġew maħduma sabiex bil-moviment varju tagħhom, jikkontribwixxu għall-aspett dekorattiv u drammatiku fix-xbihat.

© VICTOR CARUANA 2017.

### Kumment fuq il-pedestall; fuq xewqa tal-awtur din il-kitba ser tidher bl-Ingliż:

### The ephemeral statue and pedestall of Victorious Malta for the feast of St Joseph, Rabat, Malta: a brief critical comment – Dr. Mark Sagona, Ph.D.

The painted and partly-gilt, carved wooden pedestall for the papier-mâché statue of *Victorious Malta*, which is put up in St Joseph Street corner with Grandmaster L'Isle Adam Square at Rabat, Malta during the annual feast of St Joseph is a typical work that comes from an important nineteenth-century Maltese tradition of ephemeral design and manufacture. This field of production has, because of its stylistic and documentary complexities, never received serious academic attention. It is a tradition intimately related to the *festa* phenomenon that intensified in Malta from the mid to the late nineteenth century. This social and cultural development was partly responsible for an exceptionally impressive wave – even qualitatively – of liturgical *objets d'art* and items of church furniture which were commissioned for the numerous churches all over Malta and Gozo. The pedestall was created with the statue which was created at the very end of the nineteenth century, in 1899.[6]

The great tradition of the ecclesiastical decorative arts percolated from the interior of the church to the exterior, ephemeral, temporary decorations which were put up in the streets and squares to embellish the urban space around the church for the days of the *festa*. The popular nature of the *festa* meant that the quality of such decorative works could fluctuate dramatically but the presence of well-trained carpenters, joiners and carvers often produced works of a marked quality and artistic interest. In many cases, little is known about these




*Dettalji tal-Pedestall*

craftsmen and these works are often very hard to document. Stylistic reading is many times marred by subsequent alterations and remodelling. On some occasions, churches, confraternities, and musical societies or band clubs – which came to be much involved in the organisation of the *festa* – turned to the leading artists and designers, such as Abramo Gatt (1863-1944) and Emanuele Buhagiar (1876-1962) for the design and production of such ephemeral decoration.[7] As in many decorative works, these commissions were, by their very own nature, complex and these artists not always executed the works themselves. It therefore follows that one has to be very careful with attributions in this field.

Malta has a very long and rich history of design, ornament and wood carving that goes back to the Late Middle Ages. This time-honoured tradition was intensified under the Order of the Knights of St John and reached remarkable peaks in the eighteenth century. It continued to flourish under the British and the field was strengthened through the needs of the Church, the putting up of the Malta Society of Arts, Manufactures and Commerce in 1852, receiving a bold injection through the setting up of the Manual and Technical School in Strada Levante, Valletta under the direction of the Italian decorator Vincenzo Cardona (active c.1880-c.1916).[8] Workshops flourished in the main centres of Valletta, the Three Cities and Rabat. These were among the important centres of such production. In the late nineteenth century, the Rabat masters included Antonio Catania (1828-1904),[9] Paolo Bugeja (1840-after 1905)[10] – who had his workshop in Valletta – and Beniamino Tonna, father of the prolific Carmelo (1901-1973). Another recorded master craftsman from Rabat was Francesco Spiteri (1848-1913) who was gifted enough to be involved in the production of external *festa* decoration.[11]

Both pedestall and statue being analysed here were commissioned by the Archconfraternity of St Joseph established in the church of *S. Maria di Gesù* at Rabat and which is responsible, among others, for the festivities in honour of St Joseph. This archconfraternity had an important role in the commissioning of decorative works for the church in which it operated, and through its endeavour, S. Maria di Gesù possesses specimens by some of the leading artists of the day, including Cesare Galdes (1822-1890), the already mentioned Paolo Bugeja and Abramo Gatt, and the little-studied Angelo Muscat (1890-1940).[12] The dominating style of the day was the Baroque Revival which started intensifying around the 1860s but the stylistic climate can be better described as Eclectic because different solutions co-existed.[13]

The pedestall is a fine work remarkable for its simplicity and streamlined quality. Its box-like character is typically divided into three sections: base, body and surmounting dado marked by the word MALTA. The pedestall is broken by four oblique projections which are embellished by four beautifully modelled scrolls that rise from a panelled base and are capped by stylised acanthus forms and guilloche motifs. The projecting corners are highlighted by four gadrooned finials which end in the shape of a flaming urn. The ornamental emphasis of the work lies in the ornamental panels which decorate its four sides, while the panels are characterised by purely foliated motifs which have a serrated and pointed quality about them. Their character is not typical of any known craftsman or artist and one cannot currently attempt any attribution. Although the quality is not tremendously exciting, it nonetheless shows a hand that was sufficiently conversant with ornamental forms. The possibility that it was produced at Rabat should not be excluded, and this could be very much the case.

The statue, on the other hand, is the work of one of Malta's most artistically important practitioners in the art of papier-mâché: the Sliema-based painter and sculptor Vincenzo Maria Cremona (1851-1912).[14] Cremona was the artistic rival to Carlo Darmanin (1825-1909) and was possibly artistically superior. He had trained in Naples and on his return had worked as a scenographer at the Royal Opera House, subsequently opening a busy studio at Cathedral Street, Sliema, where he produced some of his major works. He is best remembered for his papier-mâché effigies for many churches and external *festa* decoration. Unfortunately, several of his works were destroyed, including a *Virgin of Sorrows* for the parish church of Stella Maris, Sliema. Others, especially those for external decoration, have suffered immensely from bad handling and over-zealous repainting and remodelling so that today they exist only as sad reflections of their original glory.

Cremona worked in a Romantic idiom which combines good doses of Baroque Revival with realistic elements. Stylistically he finds his painterly equivalent in the art of his slightly older contemporary Giuseppe Calì (1846-1930), who likewise, was also trained in Naples, and similarly also wed Romanticism with a realistic verve. Cremona's figures are elegantly composed with a good knowledge of realistically-rendered human anatomy and are draped with crisp drapery

folds. Among his best-known works there is the commanding *St George trampling the Dragon* which he produced for the homonymous feast at Victoria, Gozo in 1894, even though this has also been sadly remodelled. The two adoring angels at St Paul's parish church at Rabat, Malta still had their original polychromy until a couple of years ago, but these have also fallen prey to the overzealous scourge of misinformed 'restoration'. The *Victorious Malta*, with its triumphant attire, is not only typical of the artist, but belongs to a typology that found much popularity in turn-of-the-twentieth-century Malta.

Both statue and pedestall bear the stamp of the late nineteenth century in design, ornament and the plastic arts. They reveal an authentic quality for good taste which characterised such works in Malta up to World War II. The pedestal, in particular, is a tribute to the Maltese golden age of carving, design and decorative invention which straddled the nineteenth and twentieth century.

© Mark Sagona 2017

**Noti**

**L-awturi:**

**Victor Caruana B. A. (Hons.), M. A. Storja tal-Arti:**
Victor Caruana twieled fil-5 ta' Mejju 1981 u huwa minn Birkirkara. Ha l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola Primarja ta' Stella Maris f'Ħal Balzan u dik sekondarja u post-sekondarja fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi f'Birkirkara. Huwa kompla l-istudji tiegħu fl-Università ta' Malta fejn gradwa fil-BA (Hons) u Masters fl-Istorja tal-Arti. It-teżi tiegħu, bl-isem ta' 'The Maltese Papier-mache' Tradition at the turn of the 20th century – Technical and Art Historical Considerations' kien l-ewwel studju akkademiku dwar din it-tradizzjoni f'pajjiżna. Dan wassal lil Caruana sabiex jagħti kontribut f'bosta publikazzjonijiet marbuta mal-festi Maltin permezz ta' artikli u studji dwar vari u statwarji partikolari kif ukoll dwar it-teknika tal-kartapesta in ġenerali. Huwa ġabar ukoll fil-qosor l-istorja tal-vari titulari u sekondarji fil-knejjes Maltin, li ġiet ippubblikata f'żewġ partijiet bħala l-artiklu prinċipali fil-ktieb fotografiku Ilwien il-Festi Maltin Volum 2 u 3. Victor Caruana għamel ukoll bosta diskorsi waqt okkażjonijiet differenti organizzati minn diversi għaqdiet mużikali jew parrokkjali. Hu jaħdem bħala għalliem u edukatur tal-arti fl-Iskola Medja tan-Naxxar fil-Kulleġġ Maria Regina.

**Mark Sagona, Ph.D.**, huwa artist viżiv u *visiting lecturer* fid-Dipartiment tal-Istorja tal-Arti fil-Fakultà tal-Arti, fl-Università ta' Malta, fejn hu involut ukoll kemm fl-istorja tal-Arti kif ukoll fil-programm tal-*Fine Arts*. Jispeċjalizza fl-arti, l-arkitettura u l-arti dekorattiva tas-seklu 19 u l-bidu tas-seklu 20. Esebixxa x-xogħlijiet tiegħu kemm f'Malta kif ukoll barra. Jgħallem u ppubblika numru kbir ta' xogħlijiet kemm f'Malta kif ukoll barra. L-aħħar xogħol tiegħu deher f'*At Home in Art: Essays in Honour of Mario Buhagiar* (Midsea Books Ltd, 2016) editjat minn Charlene Vella. Kitbiet oħra tiegħu dehru f'Sabina de Cavi (ed.), *Dibujo y ornamento, Trazas y dibuyos de artes decorativas entre Portugal, España, Italia, Malta y Grecia*, Universidad de Cordoba/De Luca Editori d'Arte (Rome, 2015) u fil-*Journal of the Decorative Arts Society* (London, 2015).

**Noti u Referenzi**

[1] Meta ngħidu xbieha allegorika inkunu qed infissru xbieha li tippersonifika xi ħaġa astratta, eżempju popolari huwa l-Ġustizzja, li fil-verità hija kunċett astratt li tiġi ippersonifikata f'figura femminili b'għajneja mgħottija, u bil-miżien u x-xabla f'idejha, biex b'hekk ikun aktar faċli li dan il-kunċett jinftiehem. L-istess jiġu ppersonifikati l-pajjiżi.

[2] Malta 21 ta' Marzu 1899: *E molto ammirati furono due angeli in cartapesta ed un altra statua rappresentante Malta nuovi lavori del Sig. Vincenzo Cremona, come anche le colonne rispettive opera di artisti di qui.*
Malta Tagħna 25 ta' Marzu 1899: *Is-Sur Vicens Cremona, compla uera il hila tighu haun ucoll, billi ghamel zeug angli ta g'miel imprezzabbli u statua tirrappresenta lill Malta, li rnexxiet bill chif.*

[3] Nota Editorjali: Missirijietna kienu jinsistu li jqiegħdu fergħa tar-rand friska f'idejn Malta biex tbiegħed il-maltemp.

[4] Apparti dawn iż-żewġ xbihat, Cremona ħadem ukoll Malta għall-festa ta'Marija Bambina fix-Xagħra Għawdex. Nafu wkoll li huwa ħadem allegoriji oħra tal-istess suġġett li llum m'għadhomx jeżistu. Waħda minn dawn kienet għaċ-Circolo Ceschi f'Tas Sliema għall-festa ta' San Ġwann Battista u saret fl-1888 (Winston L. Zammit, Malta 2000, p.156). Statwa oħra kienet destinata għall-festa ta' San Pawl tal-Belt u kienet saret fl-1896 (Malta Tagħna, 8 ta' Frar 1896, p.3). Din ix-xbieha kienet ġiet mibdula ma' kopja tagħha stess maħduma mill-istatwarji Alfred Camilleri Cauchi fl-1998. Malta oħra li m'għadhiex teżisti hija dik li Cremona ħadem għall-festa ta' San Gejtanu fil-Ħamrun fl-1901 (Malta Tagħna, 3 t'Awwissu 1901).

[5] Malta li ħadem għall-Belt Valletta, kif turi l-vara preżenti ta' Alfred Camilleri Cauchi, kienet turi figura femminili mingħajr il-korazza tgħannaq is-salib – simbolu tal-fidi li ġab San Pawl – u bil-fjamma tan-nar u l-lifgħa ħierġa minnu mpoġġija fuq blata maġenbhom. Dik tal-Ħamrun għall-festa ta' San Gejtanu, skont id-deskrizzjoni li nsibu fil-ġurnal *Malta Tagħna* tat-3 t'Awwissu 1901, kellha jdejha mgħollija u ż-żomm salib li kien jirrappreżenta t-twemmin Kattoliku li kien jiddefendi l-qaddis ta' dan il-lokal u bi dragun taħtha minfud bil-lasta tal-bandiera Maltija li l-figura allegorika kienet qed iżżomm fl-id l-oħra, simbolu tat-tagħlim ta' Luteru.

[6] See note No. 2

[7] The ecclesiastical works of these two artists are discussed in Mark Sagona, *The designs of Abram Gatt, Francesco Saverio Sciortino, Emanuele Buhagiar and Giuseppe Galea for the Churchês of Gozo*, unpublished B.A.(Hons.) dissertation, University of Malta, 1999; Mark Sagona, *Emanuele Buhagiar (1876-1962): his contribution to the ecclesiastical decorative arts of the Maltese Islands*, unpublished M.A. thesis, University of Malta 2003; and Mark Sagona, *The ecclesiastical decorative arts in Malta 1850-1900: style and ornament*, unpublished Ph.D. thesis, University of Malta 2014.

[8] Sagona 2014, *op.cit.*, p.217.

[9] Sagona 2014, *op.cit.*, pp.190-193. Catania's masterpiece is the altar canopy produced for the feast of Corpus Domini at St Paul's parish church, Rabat.

[10] *Ibid.*, pp.85-86, p.210.

[11] Sagona 2014, *op.cit.*, Volume II, 'Addendum I: Minor Designers and Craftsmen', p.6.

[12] Sagona 2003, *op.cit.*, p.19.

[13] Sagona 2014, *op.cit.*

[14] Victor Caruana, *The art of papier-mâché in Malta betwen the 19th and early 20th centuries: technical and art historical considerations*, unpublished M.A. thesis, University of Malta 2005.